

31999L0057

L 148/35

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

15.6.1999

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/57/KE****tas-7 ta' Ġunju 1999****li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva ta' Kunsill 78/64/KEE dwar is-sedil tas-sewwieq fuq tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija bir-roti****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

vertikali lonġitudinali tat-trattur li jgħaddi min-nofs tar-rota tal-isteering u li mhux aktar minn 100 mm minn dik il-pjanċa;".

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE tal-4 ta' Marzu 1974 fuq l-approsimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-approvazzjoni tat-tipi ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija bir-roti <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 97/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari Artikolu 11 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 78/764/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 fuq l-approsimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar is-sedil tas-sewwieq fuq tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija bir-roti <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 97/54/KE, u b'mod partikolari Artikoli 10 tagħha,

- (1) Billi, sabiex tittejjeb is-sigurtà, issa huwa neċessarju li jiġi speċifikat fid-dettall kif is-sedil tas-sewwieq għandu jitwaha-  
hal u li ma jkunx hemm ergonomija ħażina;
- (2) Billi l-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Addattament tad-Direttivi lil Progress Tekniku stabbilit b'Artikolu 12 tad- Direttiva 74/150/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Il-punt 1.1.5 ta' Anness IV tad- Direttiva 78/764/KEE huwa b'dan mibdul kif ġej:

"1.1.5. meta l-pożizzjoni tas-sedil huwa aġġustabbli fit-tul u vertikament biss, l-assi lonġitudinali li jgħaddi mill-punt ta' riferenza tas-sedil irid jimxi mall-pjanċa

<sup>(1)</sup> ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 10.

<sup>(2)</sup> ĠU L 277, ta' l-10.10.1997, p. 24.

<sup>(3)</sup> ĠU L 255, tat-18.9.1978, p. 1.

*Artikolu 2*

1. Mill-1 ta' Lulju 2000, l-Istati Membri ma jistgħux:

— jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni ta' tip KEE, li joħroġu d-dokument stipulat fit-tielet inċiż ta' Artikolu 10(1) tad-Direttiva 74/150/KEE, jew li jagħti l-approvazzjoni ta' tip nazzjonali, jew

— jwaqqaf id-dħul fis-servizz ta' tratturi, jekk it-tratturi involuti huma skond ir-rekwiżiti tad-Direttiva 78/764/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva.

2. Mill-1 ta' Jannar 2001, l-Istati Membri:

— ma jistgħux aktar joħroġu d-dokument stipulat fit-tielet inċiż ta' Artikolu 10(1) tad-Direttiva 74/150/KEE għal tip ta' trattur li ma jkunx skond ir-rekwiżiti tad-Direttiva 78/764/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva,

— jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni nazzjonali ta' tip għal tip ta' trattur li ma jkunx skond ir-rekwiżiti tad-Direttiva 78/764/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-ħarsien ta' din id-Direttiva l-aktar tard sat-30 ta' Ġunju 2000. Għandhom javżaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandhom ikollhom riferenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jstabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkommunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi domestika li jadottaw fis-settur kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-20 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, is-7 ta' Ġunju 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Martin BANGEMANN

*Membri tal-Kummissjoni*

---